MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 69/2009/1

**Il-Pulizija (Spettur Josrick Mifsud)**
***v.***
**Tyrone Fenech**

1. Dan huwa appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2012 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha ["l-Ewwel Qorti"] fuq referenza magħmula lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ["il-Qorti tal-Maġistrati"] dwar jekk inkisirx il-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6(1) u

6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] meta Tyrone Fenech għamel stqarrija waqt li kien miżmum mill-pulizija bla ma kellu jedd jieħu parir ta' avukat waqt l-interrogazzjoni.

2. L-Ewwel Qorti wieġbet hekk għar-referenza:

"1. Kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali ta' Tyrone Fenech protett mill-artikolu 6(3)(c) abbinat mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt għall-aċċess ta' avukat qabel sarulu domandi mill-uffiċjal tal-pulizija li investiga l-każ u li wassal sabiex għamel stqarrija fl-10 ta' Frar 2004. Tiddikjara li dan japplika wkoll fir-rigward ta' stqarrija ġuramentata li seta' għamel Fenech lill-maġistrat inkwirenti fiż-żmien li kien taħt arrest.

"2. Tiddikjara li fil-kors tas-smigħ tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Tyrone Fenech (416/2008) m'għandux isir użu ta' stqarrijiet li seta' għamel fil-perijodu li Fenech kien taħt arrest.

"3. Peress li l-każ għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tqis li għandha tkun dik il-qorti li tagħti ordni li tkun konformi ma' dak li ġie deċiż f'din is-sentenza dwar x'għandu jsir mill-istqarrijiet li jinsabu fl-atti. Il-qorti li quddiemha qiegħed jinstema' l-każ għandha tqis ukoll jekk l-istqarrija ġuramentata li saret quddiem il-maġistrat inkwirenti fit-12 ta' Frar 2004[1] meta Fenech kien taħt arrest, sabiex tagħti l-ordni opportuna in konformità ma' din is-sentenza.

"Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

"Tordna lir-reġistratur sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li quddiemha qiegħed jinstema' l-każ flimkien mal-atti tal-proċeduri kriminali."

3. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li osservat illi dan il-każ kien miexi ma' każ ieħor, deċiż ukoll fit-23 ta' Jannar 2012, fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Amanda Agius[2] fejn "iċ-ċirkostanzi huma identiċi". Għalhekk, sabiex ma tagħmilx riprtizzjonijiet bla bżonn, l-Ewwel Qorti

---

[1] L-ewwel istqarrija quddiem il-maġistrat ittieħdet fl-10 ta' Frar 2004; imbagħad saret oħra fit-12 ta' Frar 2004.

[2] Mis-sentenza ta' Amanda Agius sar appell li ġie deċiż illum ukoll.

iddikjarat illi r-raġunament li għamlet fis-sentenza ta' Amanda Agius kellu japplika *mutatis mutandis* għal dan il-każ ukoll. Fis-sentenza ta' Amanda Agius l-Ewwel Qorti kienet għamlet dawn l-osservazzjonjiet:

"Mill-ġurisprudenza ta' Strasbourg hu evidenti li m'huwiex biżżejjed għas-sistema legali li tassigura li s-suspettat jaf li għandu dritt għas-silenzju u li dan jiġi salvagwardjat kontra kull possibiltà li b'theddid jew wegħdiet ta' kull xorta jista' jiġi indott kontra l-volontà tiegħu li jitkellem u b'hekk jinkrimina lilu nnifsu. Hu imperattiv li qabel jiġi interrogat jingħata l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat biex jagħtih parir mhux biss dwar id-dritt tas-silenzju, imma wkoll jekk huwiex fl-interess tiegħu li jeżerċita tali dritt, billi ma jgħid xejn jew jagħmel dikjarazzjoni limitata.

"… … …

"… fil-fehma tal-qorti jkun kontrosens li din il-qorti tiddikjara li l-akkużat sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq għaliex ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel l-interrogazzjoni, u mbagħad tgħid li l-istqarrija tintuża fil-proċeduri kriminali. Fejn hemm inkonsistenza bejn id-drittijiet fundamentali u provvediment tal-liġi, huma d-drittijet fundamentali li jridu jipprevalu (ara artikolu 3 tal-Att XIV tal-1987). L-akkużat għandu dritt li jingħata rimedju xieraq. X'jista' jkun dan ir-rimedju fi proċeduri kriminali li għadhom pendenti? Għal din il-qorti t-tweġiba hi li l-istqarrija ma titqiesx bħala prova, u *cioè* ma tibqax fl-atti. Il-fatt li l-istqarrija tibqa' fl-atti jfisser li tista' tintuża fil-proċeduri kriminali kontra l-akkużat. Ir-raġuni tgħidlek ukoll li jekk dik il-prova tibqa' fl-atti għalkemm ma tissemmiex fil-motivazzjoni tas-sentenza bħala raġuni li wassal lill-qorti biex tikkonkludi li hu ħati, hemm xorta l-periklu li tkun għenet biex isaħħaħ il-konvinċiment ta' min irid jiddeċiedi li l-akkużat hu ħati tar-reat. Dan irrispettivament jekk il-kwistjoni tal-ħtija tiġi deċiża minn ġurati jew minn ġudikant.

"… … …

"… … … Għalkemm l-Avukat Ġenerali jsostni li biex wieħed jiddeċiedi dwar kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq jeħtieġ li jsir stħarrig tat-totalità tal-proċeduri (<u>Imbrioscia *v.* Switzerland</u> ingħatat fl-24 ta' Novembru 1993), biex tkun tista' tagħmel hekk trid tistenna l-eżitu finali tal-kawża. F'dan l-istadju m'huwiex possibbli li tkun

taf jekk ir-rikorrent huwiex ser jiġi effettwat min-nuqqas ta' aċċess għall-avukat, u dan peress li l-l-proċess kriminali għadu pendenti u … ma nafux jekk dak li qal jintużax bħala prova kontrih f'każ li jinstab ħati tal-akkużi. Hu wkoll ċert li fil-ġuri mhux ser ikun possibbli li wieħed ikun jaf jekk dak li qal lill-pulizija ttieħidx in konsiderazzjoni biex jinstab ħati, peress li l-ġurati ma jagħtux motivazzjoni għad-deċiżjoni li jkunu waslu għaliha. F'dan il-kuntest hi interessanti s-sentenza tas-16 ta' Novembru 2010 tal-*Grand Chamber* fil-kaz Taxquet *v.* Belgium li kienet tittratta ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq f'ġuri, u l-konklużjoni kienet li kien hemm ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni peress li d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali ma kenitx motivata. Rilevanti wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ Il-Pulizija *vs* Alvin Privitera (11 ta' April 2011) diġà kellha l-opportunità tgħid li n-nuqqas ta' aċċess għall-avukat waqt l-investigazzjoni jista' jippreġudika rrimedjabilment id-dritt għad-difiża tal-akkużat, u "jekk hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, m'għandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx lezjoni jew le".

"… … …

"Għalkemm ma jirriżultax li saret xi allegazzjoni li dak li Agius qalet kien minħabba xi pressjoni, wegħda jew theddid, in-nuqqas li jkollha aċċess għall-avukat qabel l-interrogazzjoni jwassal biex jeffetwa d-drittijiet ta' difiża.

"… … …

"Mill-atti jidher li Amanda Agius għamlet ukoll stqarrija ġuramentata quddiem maġistrat inkwirenti, għalkemm partijiet mit-traskrizzjoni huma neqsin. Mill-atti m'huwiex ċar x'kienet il-ġurnata u l-ħin li saret l-istqarrija u jekk Agius kenitx għadha taħt arrest. Fil-fehma tal-qorti dak li ngħad hawn fuq għandu japplika wkoll għal stqarrija ġuramentata li jagħmel suspettat waqt li jkun taħt arrest, f'ċirkostanzi fejn ma kienx ingħata l-opportunità li jikkonsulta ruħu ma' avukat. Jekk l-artikolu 6 japplika meta suspettat jagħmel stqarrija lill-pulizija, *multo magis* għandu japplika wkoll jekk jagħmel stqarrija ġuramentata quddiem awtorità ġudizzjarja li normalment issir wara li l-pulizija jkunu diġà interrogawh. Fil-gurisprudenza tal-qorti ta' Strasbourg ma jidhirx li ssir distinzjoni bejn stqarrija

meħuda mill-pulizija u stqarrija ġuramentata li ssir quddiem awtorità ġudizzjarja li tkun qiegħda tinvestiga r-reat, minkejja li hi indipendenti mill-eżekuttiv u m'hijiex parti fil-proċeduri kriminali. … … …

"… … … Li persuna suspettata li tkun arrestata jkollha l-opportunità tikkonsulta ma' avukat qabel tagħħmel stqarrija ġuramentata hu l-minimu sabiex jiġi garantit li l-mod kif ingħataw dawn l-istqarrijiet kien konformi mal-garanziji ta' smigħ xieraq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. M'huwiex biżżejjed li persuna tiġi avżata li għandha dritt li ma tagħmilx dikjarazzjonijiet li bihom tinkrimina lilha nnifisha, u bil-fatt li tkun wieġbet ma jfissirx li qiegħda impliċitament tirrinunzja għad-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel tagħmel stqarrija. Dritt li l-liġi lokali ma kenitx tipprovdi għalih fl-istadju qabel is-suspettat jitressaq il-qorti akkużat b'reat/i."

4. L-Ewwel Qorti mbagħad kompliet tagħmel dawn l-osservazzjonijiet fis-sentenza ta' Tyrone Fenech li minnha sar dan l-appell tal-lum:

"Għal dak li jirrigwarda l-istqarrija ġuramentata li saret quddiem il-maġistrat inkwirenti (12 ta' Frar 2004), m'huwiex kontestat li Fenech għamilha b'mod volontarju quddiem awtorità ġudizzjarja, awtorità li hi indipendenti mill-eżekuttiv u li m'hijiex parti fil-proċess kriminali. Madankollu b'daqshekk ma jidhirx li l-prinċipju stabbilit fil-każ ta' Salduz għandu japplika biss għal dak li s-suspettat igħid lill-pulizija. Fit-traskrizzjoni jingħad li l-istqarrija saret fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-presenza tal-uffiċjal tal-pulizija li kien qiegħed jinvestiga l-każ. M'hemmx dubju li f'dak l-istadju Tyronne Fenech kien suspettat meħud in konsiderazzjoni l-istqarrija li għamel mal-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, fejn ammetta li bigħ pilloli *ecstasy* u fejn ikkonferma li kien lest li jikkonferma bil-ġurament dak kollu li qal. Fl-istqarrija tat-12 ta' Frar 2004 jidher li l-enfażi kienet fuq terzi, u lil Fenech sarulu domandi bħala persuna infurmata b'fatti li kienu rilevanti għall-investigazzjoni għal dak li jikkonċerna bejgħ ta' droga minn terzi, fosthom ommu (Jacqueline Fenech). Madankollu saru wkoll xi domandi fejn jirrizulta biċ-ċar li Fenech kien qiegħed jammetta li jbigħ l-*ecstasy*. Però m'huwiex ċar jekk f'dak l-istadju Fenech kienx taħt arrest. Mit-traskrizzjoni jidher li fl-10 ta' Frar 2004 Fenech kien

diġà għamel stqarrija ġuramentata quddiem il-maġistrat inkwirenti (ara wkoll il-bidu tal-kopja tal-proċess verbal li tinsab fl-atti tal-proċess *a fol*. 20 u minuti ta' dak li ġara fit-13 ta' Frar 2004 quddiem il-maġistrat iInkwirenti). Fit-traskrizzjoni tal-istqarrija tat-12 ta' Frar 2004 jingħad: "Taf x'għidtlek l-aħħar darba tal-*caution* u mhux *caution* li għandhek dritt ma tirrispondix jekk bir-risposta tkun ser titfa' ħtija kriminali fuqek nnifsek. Għidtlek x'inhu l-ġurament li ma tistax tigdeb bil-ġurament". Madankollu fl-atti hemm biss stqarrija ġuramentata waħda. *Inoltre*, fil-bidu tat-traskrizzjoni jingħad: "Tyron Fenech riprodott bil-Malti bil-ġurament jgħid …". Kliem li jkompli jagħti lill-qorti x'tifhem li din kienet it-tieni stqarrija. Mit-traskrizzjoni hemm indikazzjoni li l-istqarrija tat-12 ta' Frar 2004 saret wara li Fenech kien ġie rilaxxat mill-kustodja tal-pulizija peress li jingħad "Staqsejtek minn meta ġejt rilaxxat minn hawnhekk mingħand il-pulizija sa llum lil min kellimt b'din l-investigazzjoni (?). Lill *mummy* ovvja, lil Owen, lil Christian li jgħidulu *l-Luda* …". Però ma jirriżultax kif Fenech wasal biex għamel it-tieni stqarrija, fis-sens jekk kienx reġa' ġie arrestat mill-pulizija u ttieħed id-*depôt* għal iktar investigazzjoni jew inkella mitlub jattendi l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex isirulu domandi ulterjuri mill-maġistrat li kienet qiegħda tmexxi l-inkjesta. Jekk Fenech ġie infurmat minn qabel biex imur il-Kwartieri Ġenerali sabiex iwieġeb għal xi domandi ulterjuri li riedet tagħmillu l-maġistrat, ma kien hemm xejn x'iżommu milli jikkonsulta ruħu ma' avukat sabiex jieħu parir u flimkien mal-avukat iqis il-konsegwenzi fuq il-proċeduri kriminali li setgħu jittieħdu kontra tiegħu. Ovvjament jekk reġa' ġie arrestat wara r-rilaxx tiegħu, ma kellux l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat qabel it-tieni stqarrija."

5. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Jannar 2012. L-aggravji tagħhom huma dawn:

6. l-Ewwel Qorti qalet ħażin meta qalet illi hija tista' tqis ilment dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq qabel ma jkun intemm il-proċess kollu, għax dak il-jedd "irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura u mhux fir-rigward ta' mument wieħed minnha …";

7. l-Ewwel Qorti qalet ħażin ukoll meta qalet illi kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għax fil-waqt li

ttieħdet l-istqarrija ma kienx hemm liġi li tipprovdi għall-għajnuna ta' avukat qabel ma tingħata stqarrija. Ukoll jekk il-każ ta' Salduz jgħid illi dan hu bi ksur tal-art. 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, dan ma għandux jingħata interpretazzjoni retroattiva iżda għandu japplika biss għal stqarrijiet li ttieħdu wara s-27 ta' Novembru 2008, meta ngħatat dik is-sentenza; u

8. Tyrone Fenech mhux biss għamel l-istqarrija minn jeddu iżda wkoll ikkonfermaha bil-ġurament quddiem maġistrat. Dan ipatti għan-nuqqas ta' avukat meta saret l-istqarrija lill-pulizija.

9. Tyrone Fenech ma weġibx.

10. Qabel ma tqis l-aggravji tal-appell il-qorti tibda biex tgħid illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat: dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla tehdid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.

11. X'aktarx illi din kienet ir-raġuni għala l-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Salduz *v.* it-Turkija[3] ġustament ma adottatx l-opinjoni separata tal-Imħallef Bratza meta ried illi "*the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention*".

12. Din il-qorti għalhekk ma tistax taqbel ma' dak li qalet l-ewwel qorti meta qalet illi l-interrogat għandu "jikkonsulta ma' avukat biex jagħtih parir mhux biss dwar id-dritt tas-silenzju, imma wkoll jekk huwiex fl-interess tiegħu li jeżerċita tali dritt, billi ma jgħid xejn jew jagħmel dikjarazzjoni limitata". Dan kien ikun minnu li kieku kien hemm xi dritt fondamentali ta' kull min hu akkużat illi jinstab mhux ħati. L-avukat għandu jkun hemm biex jara li l-istqarrija tittieħed leġittimamant u mhux biex jagħti pariri

[3] Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02.

dwar kif tinħeba l-verità billi ssir "dikjarazzjoni limitata" jew selettiva. Wara kollox, f'dan bħal f'kull qasam ieħor tal-liġi l-għan ewlieni hu li tinkixef il-verità, u li ma jiġrix illi, minħabba l-użu ta' pratiċi abużivi, tittieħed stqarrija li ma jkollhiex mis-sewwa. Id-drittijiet fundamentali qegħdin hemm biex iħarsu u jġibu 'l quddiem id-dinjita` tal-bniedem li ċertament ma tiġix imħarsa jew promossa bi drittijiet li jservu l-okkultament jew id-distorsjoni tal-verita` a skapitu tal-interessi tal-Amministrazzjoni retta tal-ġustizzja.

13. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tal-appell.

14. L-ewwel ilment huwa illi l-Ewwel Qorti ma kienx imissha tqis ilment dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq qabel ma jkun intemm il-proċess kollu. Tassew, il-ġurisprudenza ġeneralment hija f'dan is-sens. Ukoll fil-każ ta' Imbrioscia *v.* l-Isvizzera[4], li wkoll kien dwar id-dritt għall-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Ewropeja qalet illi kellha tagħmel "*a scrutiny of the proceedings as a whole*"[5].

15. Dan huwa prinċipju ġenerali li japplika għall-jedd għal smigħ xieraq u ma jidhirx li hemm xi raġuni għala fil-kuntest tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat għandu jkun differenti.

16. Madankollu, kif qalet din il-qorti fil-każ ta' Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera[6], jista' jiġri illi episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-qorti tistenna sakemm jintemm il-każ. Dan jista' faċilment jiġri fil-każ ta' ammissjoni ta' ħtija. Huwa minnu illi, jekk ikollha raġuni għax taħseb illi dik l-ammissjoni ma jkollhiex mis-sewwa, il-qorti tista' ma toqgħodx fuqha[7]. Ma jistax ma jingħadx, iżda, illi stqarrija ta' ħtija aktar iva milli le tkun determinanti.

17. Din il-qorti għalhekk ma tarax illi hemm raġunijiet biżżejjed biex tiddisturba din il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, u li wasslitha biex tagħti deċiżjoni qabel ma jkun intemm il-proċess penali.

18. Barra minn hekk, dan il-każ inbeda b'referenza mill-qorti ta' kompetenza kriminali, li waqqfet is-smigħ

---

4 Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rikors 13972/88.

5 Para. 44.

6 Q. Kost. 11 ta' April 2011.

7 Art. 453(2) tal-Kodiċi Kriminali.

quddiemha sakemm ikollha t-tweġiba għal dik ir-referenza. Ma setgħetx għalhekk l-ewwel qorti ma tweġibx għar-referenza billi tistenna sakemm jingħalaq il-proċess kriminali.

19. Dan l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

20. It-tieni aggravju jgħid illi l-prinċipju mwaqqaf bil-każ ta' Salduz ma għandux jingħata interpretazzjoni retroattiva iżda għandu japplika biss għal stqarrijiet li ttieħdu wara s-27 ta' Novembru 2008, meta ngħatat dik is-sentenza.

21. Dwar aggravju bħal dan, din il-qorti kienet għamlet dawn l-osservazzjonijiet fil-każ ta' Il-Pulizija *v.* Patrick Spiteri[8]:

"Ukoll jekk interpretazzjoni wisq superfiċjali tas-sentenza ta' Salduz tista' tidher li twassal għall-konklużjoni illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dan ikun żvilupp ġurisprudenzjali ekwiparabbli mal-ħolqien ta' jedd ġdid favur il-persuna investigata li ma jinvalidax dak li seħħ validament qabel, meta l-pożizzjoni kienet regolata bl-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Imbrioscia *v.* l-Isvizzera li qalet illi "*Other requirements of Article 6 – especially of paragraph 3 – may also be relevant before a case is sent for trial* if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them[9] *... … … [I]n order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case*[10]*.*""

22. Għalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-każ ta' Salduz illi tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[11] madankollu jista' jiġri, indipendentement minn x'intqal f'Salduz, illi stqarrija meħuda mingħajr il-garanziji ta' leġittimità twassal għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq,

---

8 Q. Kost. 25 ta' Jannar 2013.

9 Para. 36.

10 Para. 38.

11 Ara Charles Stephen Muscat *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost. 8 ta' Ottubru 2012, rik. 75/2012; Joseph Bugeja *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011.

mhux għax l-interrogat ma kellux għajnuna ta' avukat iżda għax l-istqarrija tkun ittieħdet abużivament u ma tkunx ta' min joqgħod fuqha.

23. Għalhekk, safejn jingħad illi stqarrija meħuda mingħajr garanzija ta' leġittimità tista' twassal għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dan ma huwiex "żvilupp ġurisprudenzjali ekwiparabbli mal-ħolqien ta' jedd ġdid" iżda applikazzjoni tal-art. 6 tal-Konvenzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari.

24. Għal din ir-raġuni, u bla ħsara għall-meritu, din il-qorti ma taqbilx illi, jekk huwa l-każ illi l-istqarrija ttieħdet mingħajr garanzija ta' leġittimità u għalhekk bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dan ikun b'applikazzjoni retroattiva ta' "żvilupp ġurisprudenzjali ekwiparabbli mal-ħolqien ta' jedd ġdid".

25. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud peress li huwa msejjes fuq intendiment żbaljat ta' dak deċiż fil-każ Salduz.

26. It-tielet aggravju jgħid illi Tyrone Fenech mhux biss għamel l-istqarrija minn jeddu iżda wkoll ikkonfermaha bil-ġurament quddiem maġistrat, u dan ipatti għan-nuqqas ta' avukat meta saret l-istqarrija lill-pulizija.

27. Din il-qorti ġà osservat illi l-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma daħal fis-seħħ l-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali l-jedd għal parir ta' avukat kien magħruf bħala element tal-jedd għal smigħ xieraq bil-ħsieb illi jitħarsu persuni illi, minħabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża', setgħu jagħmlu stqarrijiet li bis-saħħa tagħhom jinsabu ħatja meta fis-sewwa ħatja ma humiex. L-għajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn isservi biex tegħleb dik il-vulnerabilità u biex tagħti garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija.

28. Fil-każ tallum Tyrone Fenech, li kien għadu kemm għalaq dsatax-il sena meta għamel l-istqarrija, għandu mnejn illi minħabba l-età tiegħu kellu dik il-vulnerabilità u għalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal għal ksur tal-art. 6.

29. Dik il-garanzija iżda ma huwiex biss l-avukat li jista' jagħtiha. Id-dispożizzjonjiet tal-art 24A(12) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"], li jgħid illi l-Pulizija

Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar reat taħt dik l-Ordinanza, huma maħsuba biex jagħtu dik il-garanzija. Il-preżenza ta' maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija biżżejjed illi l-istqarrija tingħata b'għażla ħielsa, volontarjament, u ma tiġix imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

30. Din il-qorti ma tistax, bla ma turi nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjoni ġudizzjarja tal-pajjiż, tgħid illi l-garanzija ta' leġittimità mogħtija bil-preżenza ta' maġistrat ma hijiex, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, biżżejjed.

31. Għal din ir-raġuni din il-qorti, għalkemm taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-ewwel stqarrija mogħtija quddiem il-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, minħabba l-vulnerabilità ta' Tyrone Fenech meta tqis l-età tiegħu, ma ngħatatx f'ċirkostanzi li jiggarantixxu l-leġittimità ta' dik l-istqarrija, u għalhekk l-użu tal-istqarrija jkun bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, ma taqbilx illi l-istess jista' jingħad dwar l-istqarrijiet maħlufa quddiem maġistrat taħt l-art. 24A(12) tal-Kap. 101 fl-10 u fit-12 ta' Frar 2004.

32. Dan l-aggravju għalhekk, safejn jolqot l-istqarrijiet maħlufa quddiem maġistrat fl-10 u fit-12 ta' Frar 2004, għandu jintlaqa'.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mil-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn qalet illi ma għandux isir użu fi proċeduri ġudizzjarji tal-istqarrija magħmula minn Tyrone Fenech quddiem il-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, għax dak l-użu jkun bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, u tħassarha fejn qalet illi l-istqarrijiet maħlufa minn Tyrone Fench quddiem maġistrat fl-10 u fit-12 ta' Frar 2004 ittieħdu bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni u ma għandux isir użu minnhom fi proċeduri ġudizzjarji: tgħid minflok illi ma kien hemm ebda ksur ta' drittijiet fondamentali bit-teħid tal-istqarrijiet maħlufa tal-10 u tat-12 ta' Frar 2004, u li għalhekk jista' jsir użu minn dawk l-istqarrijiet fi proċeduri ġudizzjarji.

34. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------